**Laqgħa Numru 7**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**16 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.05 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Johnny Vella | - Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

**7.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

7.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

7.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 7 li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019 kienu ġew ċċirkolati b'imejl minn qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Il-Kunsilliera Jeanelle Attard daħlet fil-kamra fl-4.12pm.*

**7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.3.1 **Ħitan tas-Sejjieħ** Is-Sindku kkomunika li d-Direttur, fi ħdan EcoGozo fil-Ministeru t'Għawdex, kien offra li fejn hemm ħitan tas-sejjieħ imġarrfin kienu lesti li jgħinu lill-Kunsill. Min-naħa tal-Kunsill kien hemm bżonn li ninfurmaw lill-istess direttur biex b'hekk ikun jista' jalloka l-ħaddiema. Is-Sindku talab l-għajnuna tal-Kunsilliera biex fejn jaraw ħitan imġarrfa jieħdu ħsieb jinfurmaw lill-Kunsill.

7.3.2 **Gaudos Half Marathon** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill kien għadu kemm irċieva €900 għall-applikazzajoni li kienet ġiet issottomessa fil-bidu tas-sena li għaddiet meta kienu għaddejjin il-preparamenti għall-Gaudos Half Marathon. Is-Segretarju ħadet nota biex terġa' tapplika biex il-Kunsill ikun jista' jgawdi għall-Maratona kienet ser terġa' ssir nhar il-Ħadd 5 t'April 2020.

7.3.3 **Karozzi mitluqa f'Triq Bir Il-Franċiżi u toroq tal-madwar** Is-Sindku rreferra għall-karozzi mitfugħa fit-toroq Bir Il-Franċiżi, Triq Il-Mitjar, Triq Madonna tal-Ħniena u anke f'Tal-Ħorob. Is-Sindku sostna li din il-problema aktar ma jgħaddi żmien aktar kienet qed tikber hekk kif dawn il-karozzi dejjem jiżdiedu. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet bagħtet diversi imejls lill-pulizija u gwardjani lokali imma azzjoni sfortunatament qatt ma ttieħdet. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li għandha terġa' tintbagħat korrispondenza u anke ninfurmaw lill- Awtorita' tal-Ippjanar.

7.3.4 **Patching fit-Toroq** Is-Sindku ppropona li kellhu jinxtara *cold asphalt* dan wara ħafna ilmenti li l-*patching* li kien qed isir kien qed jinqala' dritt. Il-membri preżenti qablu li kellhu jinxtara dan il-materjal u li dejjem ikun ftit boroż għad-dispożizzjoni biex fejn jidħol ilment ikun jista' jsir ftit patching mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li kellna niċċekjaw x'jinvolvi biex wieħed joħroġ sejħa għall-offerti għall-*patching* bil-*cutter* biex b'hekk toroq bħal Triq San Ġwann u Triq L-Indipendenza, toroq tajbin, jsirilhom *patching* sew f'dawk il-postijiet biss li hemm bżonn u hekk it-triq eventwalment isservi aktar.

7.3.5 **Traffic Management fi Triq L-Indipendenza** Is-Sindku reġa' qajjem d-diskussjoni fuq jekk Triq L-Indipendenza kellhiex isir *one-way.* Il-Kunsill iddiskutta u tqajjem il-punt għat-talba minn residenti ta' Triq Il-Mitħna, arterja, biex din it-triq ukoll isir *one-way.* Il-membri tal-Kunsill qablu li f'dan l-istadju l-Kunsill kellhu jitlob laqgħa ma' *Transport Malta* biex din il-proposta li anke tqajmet f'diversi laqgħat preċedenti tiġi diskussa aktar hekk kif din it-triq kienet ser taffetwa bosta toroq oħra. Is-Segretarju ħadet nota biex minnufih tieħu ħsieb titlob laqgħa u tinforma l-membri kollha tal-Kunsill.

7.3.6 **Storm Water Culvert fi Triq Imġarr Ix-Xini** Is-Sindku kkomunika li kien irċieva diversi lmenti mir-residenti ta' Triq Imġarr Ix-Xini minħabba l-problema kbira ta' ilma li qed ikollhom meta tagħmel ix-xita. Il-wied tal-ilma saħanistra qed jgħaddi minn fuq il-bankini u jidħol fid-djar. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu jkellem lill-Perit tal-Kunsill biex jipprovdi stima għall-*storm water culvert.*

7.3.7 **Triq Il-Kbira** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fid-29 ta' Novembru 2019 kien ġie ffirmat il-kuntratt biex il-Ministeru t'Għawdex ikun jista' jgħaddi is-somma ta' €178,505 għall-Triq Il-Kbira u fix-xhur li ġejjin jibda l-proċess biex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti fuq l-asfaltar ta' din it-triq. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jikkomunika mal-Koperazzjoni tal-Ilma biex naraw jekk hemmx bżonn li jinbidlu s-servizzi f'din it-triq.

7.3.8 **Triq Il-Knisja** Is-Sindku kkomunika li kellha ssir laqgħa mal-Perit u l-Kuntrattur ta' Triq Il-Knisja biex isir l-korezzjoni fuq il-parti ta' fuq tat-triq. Is-Sindku sostna li se jkun qed jitlob dikjarazzjoni qabel ma jsir it-*top code* fuq l-istess biċċa parti tat-triq bħala garanzija biex ma ssirx ħsara fuq il-porfido tal-pjazza.

7.3.9 **Kaxxa tal-Posta mal-Mitħna** Is-Sindku rreferra għall-kaxxa tal-ittri li kien hemm imwaħħla mal-Mitħna, li bħalissa qed tiġi rrestawrata mill-Ministeru t'Għawdex, fejn elenka li kienet anke intbagħtet imejl sabiex issir pressjoni biex din il-kaxxa tal-ittri, l-ewwel kaxxa tal-ittri fix-Xewkija, tiġi imwaħħla fil-post oriġinali tagħha u dan il-wirt ma jintilfix.

7.3.8 **Bozoz fi Triq Sannat** Is-Sindku kkomunika li kien mar fuq il-post flimkien mal-Inġinier biex isir evalwazzjoni fejn jistgħu jsiru bozoz ġodda u anke titħarrak bozza hekk kif it-triq hi mudlama. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jiżdied id-dawl hekk kif pjana l-Inġinier.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard b'referenza għall-Iskema Finanzjarja favur il-Komunita' - Community Inclusive Employment Scheme staqsiet fejn kien wasal il-proċess biex ikun jista' jimtela dan il-post u ovvjament il-Kunsill igawdi minn din l-iskema. Is-Segretarju nfurmat lill-membri tal-Kunsill li kienet irrispondiet li l-Kunsill ried li jkompli bil-proċess kif kienet titlob l-imejl li kienet intbagħtet fl-4 ta' Diċembru tinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni kienet ġiet approvata. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tkellem lid-Dipartiment biex tiċċekja l-pass li jmiss.

7.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet ġibdet l-attenzjoni għall-konfużjoni li qed ikun hemm fi Triq Il-Ħamrija waqt il-ħinijiet tal-lezzjonijiet tal-*VPA School.* Il-Kunsill iddiskutta li din hi triq arterja li taqa' taħt il-Gvern Ċentrali u li kienet inġibdet l-attenzjoni tas-Supretendent biex jieħu ħsieb jibgħatu pulizija.

7.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva approvazzjoni għall-applikazzjoni li kienet ġiet issotometta lill-Visit Malta fuq il-Christmas Market. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li kellna nagħtu ċans biex nara jekk konniex ser nirċievu dawn il-fondi fil-ġimgħat li ġejjin.

*Fil-5.20pm Il-Kunsillier Jeanelle Attard skużat ruħha li minħabba mpenji oħrajn kellha titlaq mil-Laqgħa.*

7.4.4 Il-Kunsill Johnny Vella talab li l-Kunsill jkellem lill-Bank of Valletta fuq il-possibilita' li ssir ATM mal-bank fix-Xewkija. Il-Kunsillier semma' l-inkonvenjenza għar-residenti biex wieħed seta' jmur jiġbed il-flus hekk kif l-eqreb ATMs kienu ir-Rabat jew l-Imgarr. Il-Viċi Sindku rrimarka li fil-Leġislatura preċedenti kienu saru diversi tentattivi li ssarrfu fin-negattiv biex isir ATM fix-Xewkija. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li kellha tintbagħat imejl lill-bank nsaqsu fuq din il-possibilita'.

7.4.5 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni fuq iż-żamma ta' toroq speċjalment Triq Il-Kbira u l-inħawi fejn il-ħaxix ma kienx qed jinqata' mill-kuntrattur. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet qed tinħela ħafna enerġija ta' kuljum mal-kuntrattur biex jieħdu ħsieb it-toroq.

7.4.6 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jaħseb biex iżid in-numru ta' cameras fil-pjazza. Il-membri tal-Kunsill preżenti ddiskuttew u kien hemm qbil li naraw l-ewwel kemm se jiġu jiswew il-cameras fil-Playingfield tal-Barmil hekk kif il-Kunsill kien għadu qed jistenna li tkun preparata l-istima għal dawn il-cameras biex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerta.

7.4.7 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni rigward it-trinka li kienet saret fi Triq Il-Mitħna. Is-Sindku kkomunika li kienet inġibdet l-attenzjoni lill-Kuntrattur kemm min-naħa tal-Kunsill u anke min-naħa tat-Trenching biex jieħu ħsieb jagħmel il-patching kif suppost.

## 7.5 Rapport ta' kull kwart (Jannar-Settembru)

7.5.1 Is-Segretarju nfurmat lill-membri tal-Kunsill preżenti li dan ir-rapport kien għadu mhux f'idha u għalhekk din il-materja kellha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 7.6 Karnival 2020

7.6.1 Is-Sindku ppropona li bħal ma kien isir fis-snin preċedenti il-Karnival organizzat kellhu jsir fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill iddiskutta li l-Karnival fix-Xewkija kellu jsir

il-Ħadd 23 ta' Frar 2020 fl-għaxra ta' filgħodu. Is-Sindku ppropona li nitolbu kwotazzjoni lil Danusan biex din is-sena jkunu huma l-preżentaturi tal-Karnival.

7.6.2 Il-membri tal-Kunsill preżenti ddiskuttew il-mużika folk u tradizzjonali li s-soltu tindaqq f'żewġ ħwienet tax-xorb waqt il-jiem tal-Karnval. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolobora biex din id-drawwa mfittxa min-nies tar-raħal ma tinqatax. Il-Kunsill qabel li l-kollobarazzjoni kellha tkun €250 kull wieħed.

**7.7 Korrispondenza u Ilmenti**

7.7.1 Talba minn resident fi Triq Sannat biex tersaq il-bozza fi Triq Sannat u Triq tal-Baqqari. Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

7.7.2 Il-librara ġibdet l-attenzjoni li fil-librerija hemm bżonn ta' aktar saħħa ta' Wi-Fi fil-kamra tal-story telling. Il-Kunsill iddiskutta li għandu jinxtara *router,*

7.7.3 Talba minn residenta fi Triq Ġużè D'Amato, biex issir mera' faċċata tad-drive-in tal-blokka.

7.7.4 Ilment biex triq li tinsab ħdejn ta' Xħajma isirilha patching, ħdejn il-borehole tal-ilma.

7.7.5 Suġġeriment mis-Sur Salvinu Vella mill-LESA biex Triq San Ġwann Battista isir Traffic Management, u ssuġerixxa biex l-ewwel parti tagħha ta' ma Triq tal-Ħamrija ssir One Way.

7.7.6 Talba minn resident biex isir patching ta' Triq tal-Gidi.

7.7.7 Ċirkulari AKL 2019/133 – Preparamenti għall-Black Friday. Is-Sa Abigail Mamo, CEO – GRTU talbet biex f'dil-ġurnata il-Kunsilli joqgħodu aktar attenti dwar inkonvinjenti li jistgħu jinħolqu fit-toroq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

7.7.8 Imejl mingħand is-Sa Frankline Zammit Galea, Kap tal-iskola Primarja tax-Xewkija, fejn infurmat lill-Kunsill li il-Clean Up Day ġiet postposta għal ġurnata oħra minħabba t-temp.

7.7.9 Imejl mingħand is-Sur Fabian Galea dwar konferenza li ser issir nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru – ECP Malta Conference on EU Funding Opportunities.

7.7.10 Direttiva mibgħuta mill-Gvern Lokali, dwar Direttiva Numru 4/2019 li qed tiġi mħassra u sostitwita b'Direttiva Numru 5/2019.

7.7.11 Ċirkulari AKL 2019/134 – Invit lill-Kunsilliera żgħażagħ ta' bejn it-18 u 30 sena, sabiex jattendu għal Kungress ta' Marzu u Ottubru 2020.

7.7.12 Imejl mir-Reġjun Għawdex dwar proposta finanzjament tal-Contract Managers. Il-Kunsill innota l-kontenut u ddiskutta li din is-sejħa kellha toħroġ konġunta mal-Kunsilli tax-Xagħra, Sannat u l-Qala.

7.7.13 Direttiva Numru 6/2019 mibgħuta mis-Sa Silvana Agius.

7.7.14 Imejl mingħand is-Sur George Refalo, segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, dwar Forum Għawdxi dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019.

7.7.15 Ċirkulari AKL 2019/135 LCA Christmas Gathering – Dan ir-riċeviment ser isir il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019.

7.7.16 Imjel mingħand is-Sur George Refalo mir-Reġjun Għawdex dwar l-Achievers Grant Scheme – Information Booklets.

7.7.17 Imejl mir-Reġjun Għawdex dwar Intergenerational Workshop – Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019.

7.7.18 Imejl mingħand is-Sur Charles Borg, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur dwar kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-Christmas Market.

7.7.19 Imejl mingħand is-Sur John Xuereb, Direttur fil-Cultural Heritage Directorate, dwar informazzjoni fuq xogħol ta' restawr mill-Kunsilli Lokali.

7.7.20 Imejl mingħand is-Sur Kenneth Cutajar dwar il-Performance Bonus tal-Community Workers għas-sena 2019.

7.7.21 Imejl mingħand is-Sur George Refalo, mir-Reġjun Għawdex fejn qal li ser jinggħata Automated External Defribrillator lil kull Kunsill Lokali ta' Għawdex.

7.7.22 Invit għall-GAGF Annual General Meeting, nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019.

**7.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

7.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

7.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.33pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar fl-4.00pm.

Konfermati, illum 18 ta' Frar 2020

**IFFIRMATA**

____________________

Hubert Saliba

Sindku

**IFFIRMATA**

_______________________

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv